MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 45/2004

**Robert Portelli kemm f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' 'Attard Auto Dealer'**

**vs**

**Stephen u Tanya konjugi Mamo**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkundannati thallsu s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin **(Lm250)** bilanc ta' prezz tal-vettura Lada bin-numru tar-registrazzjoni BBF 179, bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-kunsinja sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar, elfejn u erbgha (2004) kif tas-sitta u ghoxrin ta’ April, elfejn u erbgha (2004) u tal-mandat ta’ qbid fl-istess ismijiet.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti.”

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, ma pprezentawx risposta minkejja li ddekorra t-terminu relattiv u lanqas dehru ghas-seduti mizmuma;

Sema’ d-deposizzjoni ta’ l-avukat Dottor Joseph Grech ghall-attur;

Ra d-dikjajarazzjoni tal-istess avukat imnejn jirrizulta li fil-kors ta’ din il-kawza sar hlas akkont ta’ mitt lira Maltin;

U billi t-talba tirrizulta sodisfacentement ippruvata;

Jilqa’ t-talba kif ridotta billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ LM150 bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-28.02.2004 u tas-26.04.2004 kif ukoll tal-mandat ta’ qbid imsemmija fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------